# <u>Tribunal Industrijali</u>

# <u>Decizjoni Nru: 2824</u>

Kaz Nru: 3792/ET

Fil-Kwistjoni tax -xoghol

bejn

Jonathan Rafal Jan Bryslawski

(ET 8255476)

u

Rhinoceros Operations Limited

(C 72251)

*dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**<u>Chairman: Is-Sur Edmund Tabone MA, BA (Hons), Dip. Mgt.</u>**

Illum : 12 ta’ Mejju, 2022

**<u>Introduzzjoni u dikjarazzjonijiet tal-kaz</u>**

Dan il-kaz gie ntavolat permezz ta’ rikors mill-Avukat Natalino Caruana De Brincat u l-Avukat Dr Joseph Calleja fid-9 ta Ottubru 2019 f’isem ir-rikorrent.

Illi r-rikorrent kien impjegat mas-socjeta’ ntimata bhala German Support Agent kif jindika l-kuntratt tax-xoghol ipprezentat.

Illi jirrizulta li fit-13 ta Gunju 2019 ir-rikorrent kien mghajjat mill-persuna nkarigata mir-Rizorsi Umani fejn infurmat lir-rikorrent li l-impjieg tieghu kien qed jigi terminat liema terminazzjoni qed tigi kontestata mir-rikorrent .

Illi r-rikorrent, f’din il-laqgha mal-persuna nkarigata mir-Rizorsi Umani gie mgieghel jiffirma nota ta’ terminazzjoni.

Ir-Rikorrent ihoss illi t-tkeccija tieghu kienet wahda ngusta u llecita ghal ragunijiet dikjarati mir-rikorrent u ghal dawk li jridu johorgu fil-process u ghaldaqstant qed jitlob lit-Tribunal ghar-rimedji kollha li tista ttieh il-Ligi.

Id-dikjarazzjoni tar-rikorrent ipprezentata bl-Ingliz mar-rikors kellha dawn il-punti principali:

Illi kien beda jahdem mas-socjeta' ntimata fis-6 ta Settembru 2018 bhala German Support Agent u kien jirrapporta lis-Support Manager.

Illi qatt ma kellu xi kaz dixxiplinarju apparti twissija verbali ghax mar tard ghax-xoghol minhabba t-traffiku.

Illi qatt ma wera bl-ebda mod li ried jitlaq mill-impjieg.

Is-socjeta' ntimata bdiet tikber u mxiet ghal proprjeta' ikbar izda li kienet ghadha fi stat ta' *extensive construction and finishing works*. Kien hemm diversi perikli ghas-sahha tal-haddiema ghaddejjin.

Illi meta l-persuna nkarigata mir-Rizorsi Umani ghajjtet lir-rikorrent dan haseb li minhabba sahhtu minhabba s-sitwazzjoni kif spjegata fuq il-post tax-xoghol . Izda b'sorpriza flok is-suggett kien sahhtu dan gie mgieghel jirrizenja mill-impjieg. Qalulu biex imur dak il-hin jikteb u jiffirma ittra ta' rizenja ghax is-socjeta' ntimata ma kellhiex iktar bzonnu. F'din il-laqgha kien hemm terza persuna li se titressaq tixhed fil-process.

Illi veru li tawh gimghatejn salarju izjed minn dak dovut izda ir-rikorrent konvint li t-tkeccija kienet ngusta u li gaghluh jaghmel ittra ta' rizenja biex jiggustifikaw it-terminazzjoni.

Min-naha taghha s-socjeta' ntimata, permezz ta' l-Avukat Dr Matthew Cassar u l-Avukat Dr Nicole Briffa ddikjarat illi s-socjeta' ntimata tichad u tirrispingi bil-qawwa l-allegazzjonijiet illi l-impjieg tar-rikorrent gie tterminat minnha jew li hija b'xi mod heddet lir-rikorrent illi l-impjieg tieghu kien se ikun itterminat, hekk kif hu allega fir-rikors.

Illi kien ir-rikorrent li ghazel li jirrezenja minn rajh u dan kif jidher b'mod car mill-ittra tar-rizenja tieghu.

Nota: L-Avukat Dr Andrew Borg Cardona beda jirrapprezenta lis-socjeta' minflok Dr Briffa minn Novembru 2021 flimkien ma' Dr Cassar.

**<u>Provi</u>**

F'dawn il-proceduri xehdu x-xhieda migjuba miz-zewg partijiet kif ukoll gew esebiti xi dokumenti.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

Dan it-Tribunal ghandu biex jikkunsidra jekk ir-rizenja tar-rikorrent kinitx wahda sfurzata minhabba *constructive dismissal*.

It-Tribunal fela bir-reqqa x-xhieda kollha, d-dokumenti pprezentati, d-dikjarazzjonijiet tal-kaz u t-trattazzjonijiet finali.

Il-Ligi Maltija ma taghtix definizzjoni ta’ *constructive dismissal* u mhiex formalment rikonoxxuta. Il-Qrati u t-Tribunali f’Malta dejjem ibbazaw fuq il-Ligi Ingliza li zviluppat kuncett ta *implied term of trust and confidence*, b’referenza ghal kuntratt tax-xoghol u li l-*employer* m’ghandux ikisser jew jikkawza hsara fir-relazzjoni ta *trust and confidence* mal-impjegat.

Illi jigu kkonsidrati tlett elementi illi jirrigwardjaw: (a) kienx hemm ksur mill-principal tal-kuntratt ta’ l-impjieg; (b) li l-ksur kien ta’ natura serja li tiggustifika rizenja minhabba dan l-agir; u (c) li l-impjegat ma accettax il-ksur fis-sens li l-impjegat ma rrizenjax mix-xoghol hafna zmien wara li sehh l-agir.

Dan it-Tribunal ghaldaqstant ha jiehu in konsiderazzjoni dawn l-elementi jew parti minnhom, fost ohrajn, biex jasal ghad-decizjoni.

Ir-rikorrent kien beda jahdem mas-socjeta’ ntimata f’Settembru 2018 bhala Customer Support Agent go ufficini f’tas-Sliema.

Illi f’Jannar 2019 is-socjeta’ ntimata bdiet il-process li tmexxi l-operat taghha lejn post ikbar fil-Gzira.

Bdew jimxu ghal Gzira xi dipartimenti u haddiema fosthom ir-rikorrent. Ix-xoghol ma kienx ghadu komplut specjalment fejn jidhlu *gypsum partitioning*, zebgha, xi *plumbing* u anka xi nuqqas ta’ ghamara relatata ma’ l-ufficini. Il-post fejn kien jahdem ir-rikorrent kien protett b’*partition* tal-*plastic* ghal post fejn kien ghadu qed isir ix-xoghol. Dan l-istat dam sejjer xi erba’ gimghat. Il-haddiema gew provduti b’maskri u kien hemm *air purifiers* biex itaffu xi trabijiet. Xi *soft works* ohra damu xi gimghatejn ohra sakemm tlesta kollox, jidher ghal nofs Marzu 2019.

Jidher li dawn ix-xogholijiet partikolarment it-trabijiet effettwaw lir-rikorrent hazin tant li kellu hafna soghla u beda jiehu hafna sick u leave. Haddiema ohra jidher li ma gralhomx hekk.

Is-Sinjura Cecilia Boros – Team Leader fix-xiehda taghha qalet li r-rikorrent kien ha 160 siegha *sick* fl-2019 sakemm irrezenja u skont hi ma kienx hemm raguni cara. Is-socjeta' ma kellhiex tabib taghha. Qalet li l-post tax-xoghol meta kien ghad baqa xi xogholijiet kien ftit storbjuz imma xejn iktar u li kienet sitwazzjoni temporanja. Il-haddiema kellhom il-maskri u jekk kien hemm xi trabijiet dawn gew newtralizzati mill-*air purifiers*.

Is-Sur Martin Werner- Shift Leader u kollega tar-rikorrent xehed li x-xogholijiet damu xi xahar u li ma kienx hemm wisq trabijiet u l-*air purifiers* dejjem kienu jkunu qed jahdmu. Hu qal li qatt ma hassu ma jiflahx.

Mix-xiehda jidher li r-rikorrent mar jara zewg tobba.  It-Tabib Anton Briffa xehed li r-rikorrent rah fil-bidu ta' Gunju, fil-5 ta' Gunju, u fl-14 ta' Gunju 2019. Qallu li kien ilu jisghol minn Jannar u t-tabib nnota li kellu *running nose*. Tah *nasal spray* u *inhalers*. Meta rah fl-14 ta' Gunju 2019 innota li kien ghadu jisghol u rreferieh ghand *lung specialist*.

It-Tabib David Bilocca, specjalista fil-medicina respiratorja, xehed Ii lir-rikorrent rah darba fis-27 ta' Gunju 2019. Kellu sintomi ta *asthma* u tah trattament. Ma setax jivverifika li kienet *occupational asthma* ghax ir-rikorrent kien ga rrizenja u f'dak il-kaz ikun irid isir *test* fejn jigi komparat l-ambjent bejn granet fuq ix-xoghol u granet mhux fuq il-post tax-xoghol. It-Tabib Bilocca kkonferma li sintomi ta' *asthma* jistghu jigru fuq persuna anka jekk din tkun esposta biss ghal ftit sieghat ghal ambjent ta' per ezempju moffa, trabijiet, dqiq, etc.

It-Tribunal fela u ezamina l-episodju tar-rizenja.

Is-Sur Matthew Demanuele, li kien inhatar mis-socjeta' ntimata bhala Advisor kien qieghed jiltaqa mal-haddiema kollha biex jiddiskuti maghhom diversi temi fosthom kif kienu sejrin fuq ix-xoghol mil-lat ta' *performance*, jekk kienux kuntenti, jekk hemmx xi affarijiet li qed idejjquhom jew xi problema ohra.

Ir-rikorrent kien mghajjat fit-12 ta Gunju 2019 ghal *meeting* imma kien *sick* u l-laqgha saret l-ghada 13 ta Gunju. Ghall-*meeting* kien hemm prezenti certa Helen, is-Sur Demauele, r-rikorrent u s-Sur Daniel Beckford li kien *trainer* mas-socjeta' ntimata u habib tar-rikorrent u kien ukoll *translator* ghar-rikorrent fejn mehtieg. Il-prezenza tas-Sur Beckford kienet fuq insistenza tar-rikorrent.

Ix-xiehda tas-Sur Demanuele hija konfliggenti ma' dik tar-rikorrent.

Ir-rikorrent xehed li s-Sur Beckford kien sema' dakinhar stess li riedu jkeccuh.

Illi s-Sur Demanuele qallu li qed jiehu hafna *sick leave* u li ma kienx kawza tax-xogholijiet li kien hemm f'Jannar u Frar u qallu biex jaghmel ittra ta' rizenja u jiffirmaha. Ir-rikorrent irrifjuta. Izda jidher li kien hemm ftehim bejn ir-rikorrent u s-Sur Demanuele li l-ittra ssir mis-Sur Beckford. Qal li c-certa Helen marret f'postha u s-Sur Beckford mar jikteb l-ittra fuq il-kompjuter u sadanittant ir-rikorrent baqa wahdu mas-Sur Demanuele. Dak il-hin ir-rikorrent qallu ghax ma tkeccinix flok nirrezenja? Ir-rikorrent kompla jixhed li s-Sur Demanuele beda jirrabja u heddu li jfittxuh legalment u jehdulu flusu.

Is-Sur Beckford gie bl-ittra ta' rizenja u r-rikorrent qal li ffirmaha ghax kien intimidat u bla esperjenza.

Fl-istess waqt fix xiehda r-rikorrent irrimarka li is-Sur Beckford kien *scam artist* u li kien jisraq lil persuni li jikru xi proprjeta', etc.

Ir-rikorrent xehed li dejjem thallas tas-*sick leave* u anka tan-*notice* inkluz xahar zejjed.

Min-naha tieghu s-Sur Demanuele xehed li kien minnu li beda jiltaqa mal-haddiema kollha. Meta ltaqa mar-rikorrent spjegalu li kienu ha jsiru xi bidliet fl-operat, fis-sistemi, fis-soluzzjonijiet u kif tigi mkejla l-prestazzjoni. Dan sar ma' kulhadd.

Is-Sur Demanuele tenna li nnota li r-rikorrent kien erratiku u qisu kien ma raqadx. Qallu li ma kienx kuntent fuq ix-xoghol u deher hekk. Qallu ma tantx kien qed jifhem u hemmhekk gab mieghu lis-Sur Beckford. Is-Sur Demanuele qallu ejja niddiskutu kif ha nimxu 'l quddiem.

Fix-xiehda tieghu s-Sur Demanuele kompla li r-rikorrent ma kellu l-ebda suggerimenti u li s-Sur Beckford qal isma dan ma jridx jibqa jahdem hawn.

Is-Sur Demanuele kompla jixhed u qal li qallu illi jekk irid jieqaf kien jirrangalu fuq in-*notice* biex ikollu cans isib xoghol iehor. Ir-rikorrent u s-Sur Beckford telqu mill-kamra u gew lura wara xi ghaxar minuti u sar qbil fuq in-*notice period* u regghu hargu. Regghu dahlu u qalu li ha jaghmlu ittra ta' rizenja. Hargu jaghmluha, regghu dahlu, u r-rikorrent iffirmaha u hadu b'idejn xulxin. Xi saghatejn wara r-rikorrent cempel li ried *letter of reference* urgenti u din saret ukoll.

Is-Sur Demanuele qal li l-laqgha spiccat b'mod tajjeb u li r-rikorrent deher kuntent. Wara mar fid-dipartiment tal-finanzi biex jiehu l-flus dovuti kif gie miftiehem.

Fil-kontro-ezami r-rikorrent qal li waqt li kien *sick* kien johrog u gieli kien imur fuq ix-xatt biex jghum b'ordni tat-tabib. Rigward hlasijiet dovuti qal li hallsuh ta kollox nkluz xahar salarju fuq il-paga ta' Gunju 2019 u s-socjeta' ma zammitx ebda ammont rigward *overuse of leave*.

Mistoqsi jekk ix-xogholijiet kienux kompluti meta ltaqa mas-Sur Demanuele qal li ma jiftakarx. Fuq l-ittra tar-rizenja kkonferma li ma saritx mis-socjeta' u qal *we came up with the idea*.

Meta mistoqsi fuq l-episodju li s-Sur Beckford qallu li jridu jkeccuh ir-rikorrent wiegeb "He was telling me they want to speak to you"…….." it was not like he was telling me they want to fire you";……."in my mind we had this idea they want to like, they want to quit me of fire me because I was sick".

Mistoqsi fuq it-theddid li s-Sur Demanuele qal li jaghmillu li ha jfittxuh biex johdulu flusu qal li ma jafx ghalxiex qallu hekk.

Meta rega xehed is-Sur Demauele qal li x-xogholijiet kien ilhom lesti xi erba' xhur. Rega kkonferma li r-rikorrent u s-Sur Beckford kitbu l-ittra ta' rizenja minghajr l-ebda provokazzjoni.

Illi r-rikorrent kien jidher vera mdejjaq u li x-xhud prova isib soluzzjoni ….."I didn't for a second think that he did not want to resign". Rigward it-theddid is-Sur Demanuele qal dik gidba u li r-rikorrent kien kuntent bis-soluzzjoni misjuba.

Fil-konto-ezami s-Sur Demanuele qal li r-rikorrent ma kienx kuntent fuq ix-xoghol, ma kienx ihobb xoghol bix-xifts, u li l-prestazzjoni kienet qed tigi *monitored* wisq.

Fit-trattazzjonijiet finali s-socjeta' ntimata sostniet li ma kienx hemm kaz ta' *constructive dismissal* ghaliex il-kuntratt tax-xoghol ma giex miksur u li qatt m'ghamlet il-hajja tar-rikorrent tant kiefra fuq ix-xoghol li kellu jitlaq. Lanqas issugerietlu. Kien ftit imdejjaq, ippruvat tiddiskuti mieghu imma ddecieda li jitlaq.

Illi kien l-habib tar-rikorrent, is-Sur Beckford, deskritt minnu stess bhala *scam artist* li mlielu rasu li riedu jkeccuh u s-socjeta' ntimata ma kellha l-ebda kontroll fuq din u dan sfuma bix-xhieda min-naha tas-socjeta' ntimata.

Illi r-rizenja kienet ghal ragunijiet li jaf ir-rikorrent biss, forsi ghax il-habib dahhlu f'kwistjoni li ma kellux bzonn jidhol.

Min-naha tieghu r-rikorrent tenna li kien hemm elementi ta' *constructive dismissal* ghax kien hemm ksur tal-ligijiet tas-sahha u sigurta' u zgur li x-xogholijiet kienu ta' detriment. Ir-rikorrent qal li baqa skantat kif fl-ewwel *meeting* mas-Sur Demanuele, dan kien jaf li hemm problemi u avvicinah ghal *way forward* b-ittra ta' rizenja lesta ghal firma.

**<u>Decizjoni</u>**

It-Tribunal analizza u wizen ix-xhieda kollha, d-dokumentazzjoni, d-dikjarazzjonijiet u trattazzjonijiet finali fil-kuntest ta' allegata *constructive dismissal* inkluz fil-kuntest ta' l-elementi relatati kif spjegat.

It-Tribunal jaghraf, li ghalkemm minghajr provi konkreti medici, li l-perjodu ta' bejn erba' u hames gimghat ta' xogholijiet setghu kienu l-kagun tal-problemi fuq sahhet ir-rikorrent u s-*sick leave* li ha. Filfatt l-ispecjalista Dr David Bilocca kkonferma li persuna jista jkollha sintomi ta' *asthma* anka meta tkun esposta ghal ftit sieghat bhal per ezempju trabijiet. Is-Socjeta' ntimata hadet prewkazzjonijiet izda ma giex pruvat fil-process jekk dawn kienux bizzejjed jew le.

It-Tribunal innota ukoll li r-rikorrent mar jara specjalista tal-medicina respiratorja wara li rrizenja li ma dehritx konsistenti ma' l-istat hazin li r-rikorrent ipprova jaghti.

It-Tribunal, izda, gharaf li dan l-episodju ma kienx intiz b'xi mod personali u apposta biex taghmel il-hajja tar-rikorrent fuq il-post tax-xoghol tant kiefra u li tikkostitwixxi ksur serju tal-kuntratt ta' l-impjieg u li jkun insapportabbli ghar-rikorrent li jkompli fl-impjieg xhur wara li tlestew ix-xogholijiet. Dak l-ambjent ta' xoghol kien ta' darba u kien espost ghall-haddiema kollegi tar-rikorrent li jidher li ma kellhom l-ebda problemi medici bhal ma hareg fix-xiehda.

Is-sintomi li sfortunatament qabdu lir-rikorrent huma sintomi tali li jigu ttrattati b'medicini u fejn mehtieg b'*sick leave* u tali persuni normalment jibqghu fl-impjieg b'mod normali bla problemi. Filfatt ir-rikorrent mar ghall-ahjar u ghalkemm dam hames xhur ma mar ghand specjalista ma deherx mill-provi u mix-xhieda li kienet qed issir xi pressjoni biex ma jiehux *sick leave*.

Is-socjeta' ntimata fl-ebda punt ma gie ppruvat li ma approvatx jew ma hallsitx is-*sick leave* tar-rikorrent jew li kien hemm problema minn dan il-lat.

Rigward ir-rizenja, din saret xhur wara li tlestew ix-xogholijiet u mill-provi fl-ebda waqt ma hareg li s-socjeta' ntimata ppruvat iggieghel lir-rikorrent jitlaq.

Fil-kontro-ezami r-rikorrent ma kienx konsistenti fix-xiehda li kien ta qabel, kemm fuq x'gara f'laqgha mas-Sur Demanuele, kemm fuq id-diskors li wasallu biex jehilsu minnu u kemm fuq l-allegat theddid tas-Sur Demanuele.

It-Tribunal gharaf li r-rikorrent kien imdejjaq fuq ix-xoghol u ghazel hu li jirrezenja anka ukoll ghall-pakkett ta' terminazzjoni li gie offrut fic-cirkostanzi. Ir-rikorrent kien ukoll influwenzat mill-habib u kollega s-Sur Beckford li jidher li skont ir-rikorrent stess fl-ahhar mill-ahhar dan ma kien habib xejn. Ir-rikorrent iffirma l-ittra tar-rizenja li nkitbet mill-habib tieghu bl-approvazzjoni tieghu u iffirma t-*termination form* tal-Jobsplus li turi t-tmiem ta' l-impjieg bhala rizenja u fil-process ma hargux provi li dawn saru b'xi mod sfurzat. Ukoll, fuq talba tar-rikorrent, saret ittra ta' referenza mis-socjeta' ntimata bla problemi jew indikazzjoni ta' rifjut.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jiddeciedi li ma kienx hemm ragunijiet tajba u bizzejjed li setghu wasslu ghal *constructive dismissal*.

Ghall-finijiet ta l-avviz legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qieghed jistabbilixxi d-drittijiet tar-rapprezentanti tal-partijiet fl-ammont ta' 93.17 euro.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(iffirmat)**

Is-Sur Edmund Tabone MA, BA(Hons), Dip. Mgt.

Chairman

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri

Ghas-Segretarju